DOWNSTREAM USERS

ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Dwar ir-Regolament CLP

## Pariri ta' REACH/CLP għall-utenti ta' sustanzi kimiċi

ECHA-19-B-07-MT

**Ir-Regolament CLP (KE) 1272/2008 jittratta l-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar tal-kimiċi fl-Ewropa. Dan id-dokument jiddeskrivi fil-qosor kif dan jaffettwa lill-utenti tas-sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol.**

- Min jikklassifika s-sustanzi kimiċi?
- Għaliex l-istess sustanza kimika hija kklassifikata b'mod differenti minn fornituri differenti?
- X'għandi nagħmel meta nirċievi klassifikazzjonijiet differenti?

- Kif insib l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni fuq is-sit web tal-ECHA
- Kif niddetermina jekk l-informazzjoni tal-klassifikazzjoni mill-fornitur tiegħi hijiex affidabbli?
- X'għandi nagħmel jekk nirċievi informazzjoni skont il-leġiżlazzjoni preċedenti?



Ser insib it-tweġiba fi...
"Pariri għall-utenti tas-sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol"
(CLP)

## Dan xi jfisser għal kumpanija li tuża s-sustanzi kimiċi?

- Għandek tkun taf li r-Regolament CLP issostitwixxa bis-sħiħ id-Direttiva dwar Sustanzi Perikolużi (DSD) 67/548/KEE u d-Direttiva Dwar il-Preparazzjonijiet Perikolużi (DPD) 1999/45/KE sa mill-1 ta' Ġunju 2015.
- Il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' xi sustanzi kimiċi nbidlu. Dan jista' jaffettwa l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji li inti tieħu, kemm għall-esponiment fuq il-post tax-xogħol kif ukoll dak ambjentali.
- Inti aktar probabbli li ser tara bidliet fil-klassifikazzjoni għall-perikli ta' tossiċità akuta u korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda. Hemm ukoll differenzi fil-kriterji tal-klassifikazzjoni għal-likwidi li jaqbdu.
- Għandek bżonn tiżgura li l-impjegati kollha li jimmaniġġjaw is-sustanzi kimiċi jagħrfu u jifhmu t-tikketti tas-CLP, inkluż il-pittogrammi u d-dikjarazzjonijiet ta' periklu u ta' prekawzjoni.
- Il-fornitur tiegħek huwa responsabbli biex jipprovdilek informazzjoni korretta. Madankollu, trid tiċċekkja t-tikketti u l-iskedi tad-data ta' sigurtà għas-sustanzi kimiċi li timmaniġġja fuq il-post. Għandek tagħraf meta l-informazzjoni hija konsistenti u affidabbli – u meta mhijiex!
- M'għandekx tibqa' tirċievi taħlitiet li jiġu kklassifikati, ittikkettjati u ppakkjati skont id-DPD. Il-perjodu tranżitorju għal prodotti li diġà ġew ittikkettjati u ppakkjati skont id-DPD u fil-katina tal-provvista qabel l-1 ta' Ġunju 2015 intemm fl-1 ta' Ġunju 2017.
- Ikkuntattja lill-fornitur tiegħek jekk l-informazzjoni li tirċievi ma tkunx adegwata, jew jekk tirċievi informazzjoni differenti minn fornituri differenti.
- Jekk tforni t-taħlitiet, uża l-gwida pass b'pass fuq https://echa.europa.eu/mt/support/mixture-classification sabiex tgħinek tikklassifikahom. Agħmel ċert li taġġorna t-tikketta u l-iskeda ta' data ta' sigurtà kif meħtieġ.

## Minn fejn nista' nikseb aktar informazzjoni ...dwar ir-Regolament CLP?



- Ara: https://www.echa.europa.eu/mt/web/guest/regulations/clp/understanding-clp għal ħarsa ġenerali dwar ir-regolament CLP u links utli.
- Ħarreġ lill-impjegati biex jagħrfu l-pittogrammi l-ġodda billi tuża: https://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/clp-quiz and https://echa.europa.eu/documents/10162/2621167/eu-osha_chemical_hazard_pictograms_leaflet_mt.pdf
- Għal Suġġerimenti għall-utenti ta' sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol (CLP), ara: http://echa.europa.eu/documents/10162/966058/tips_users_chemicals_workplace_mt.pdf
- Jekk inti formulatur, ara: https://echa.europa.eu/mt/regulations/reach/downstream-users/who-is-a-downstream-user/formulators

## ...dwar l-UTENTI DOWNSTREAM?

- Il-paġni web li fihom informazzjoni mmirata speċifikament għal utenti Downstream ġew itteggjati kif xieraq. Ikklikkja fuq it-tag biex issib il-lista tal-kontenut rilevanti.

